MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 229/2006

Il-Pulizija
(Spt. Sharon Tanti)

Vs
Sylvana Tanti

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'tal-Pieta', fl-24 t'Awissu, 2005 ghall-habta tal-5.30 p.m.
1) sawwtet lil binha minuri Jonathan u kkagunatlu feriti hfief u dan kif iccertifikat minn Dr. Flores, reg. No. 1609 tac-Centru tas-Sahha Gzira;
2) uzat vjolenza kontra l-istess minuri biex igghielu jaghmel, ihalli jsir, jonqos milli jaghmel xi haga;
3) ghad li kellha d-dritt li twiddeb lil Jonathan Tanti, harget barra mill-qies.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 221 u 251 (1) u 339 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellata hatja tat-tielet (3) akkuza migjuba kontriha u lliberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda ma sabitiex hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza migjuba kontriha w ghaldaqstant illiberata minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ Gunju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija fuq it-tielet (3) akkuza izda tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija w issib htija fuq l-ewwel zewg akkuzi ukoll u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ :- Li l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza l-provi cari w precizi tat-tifel minuri li jinsabu traskritti fil-process a fol. 11. L-apprezzament ragjonevoli tal-provi kollha kellu jwassal ghall-htija tal-appellata fuq l-akkuzi kollha. Li dan hu kaz serju hafna ghaliex anki feriti gravi rrizuiltaw.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 t’ Ottubru, 2006, li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li din il-Qorti, kif preseduta, tista’ tkompli tisma’ l-appell u dana wara li l-Imhallef Sedenti osserva lill-partijiet illi jista’ jkun li, fil-kaz kontra r-ragel tal-appellata odjerna, hu kien gja esprima xi opinjoni dwar il-kredibilita’ o meno tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Li dan hu appell bazat fuq l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu ormai principju stabilit li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dan japplika kemm fil-kaz ta' appelli mill-persuna misjuba hatja mill-Ewwel Qorti kif ukoll ghall-appelli ntavolati mill-Prosekuzzjoni permezz ta' l-Avukat Generali.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-liberazzjoni tal-appellata mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

Ikkonsidrat;

Ibda biex, jigi precizat li l-unika osservazzjoni li kienet ghamlet din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha fl-appell intavolat mir-ragel tal-appellata Noel Tanti fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Noel Tanti"** [29.3.2006] kienet tikkonsisti biss fis-segwenti :-

*"Illi dwar il-mertu, anki jekk wiehed kellu joqghod fuq il-versjoni moghtija minn iben l-appellant – <u>li xejn mhu simpatetiku lejn ommu…."</u>*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din l-osservazzjoni ma hix espressjoni ta' pregudizzju, meta wiehed iqis li proprju f' din il-kawza l-istess tifel minuri Jonathan hu x-xhud ewlieni kontra l-appellata ommu dwar l-allegat swat u vjolenza li saru fuqu w ghalhekk hi konsiderazzjoni ovvja.

Illi skond l-istess xhud **Jonathan Tanti** meta fl-24 t' Awwissu, 2005, ommu l-appellata riedet tiehdu maghha fl-*stables* ta' ragel iehor jismu Teo Said, dan oggezzjona bil-qawwi. Ommu hatfitu minn spalltu w minn ghonqu w kaxkritu 'l barra u waqt li kienu vicin il-bieb ta' barra, habbtitlu wiccu mall-bieb u habat mohhu. Umbaghad anki kellu ukoll xi grif u brix ma siequ. Il-girfa saret b' dufrejha meta qabditu minn ghonqu w bl-id l-ohra bdiet sejra *"hemm ma ghajni".* Dan gara barra mid-dar t' ommu. Hu telaq jigri b'ommu tigri warajh u hi lahqitu, qabditu w kaxkritu w ghafsitu mall-hajt li kien hemm biex ma jahrabx. Dak il-hin kien hemm erbat itfal fit-triq u ommu bdiet tghidilhom : *"Qeghdin taraw? Qeghdin tarawni nsawwtu jiena?"* u wiehed minn dawn it-tfal qallha : *"Imma qed izzommu bil-goff hafna."*

Kompla jghid li meta mar ghand it-tabib, dan ralu brix ta' siequ li jahseb li dan sar meta ommu bdiet tkaxkru mac-cint u l-brix ta' idu sar meta bdiet izzommu. Ta' ghajnejh gara kif iddeskriva qabel.

Wera lil Qorti r-ritratti (Dok. JT1) Dawn juru hmura mall-gemb estern tal-ghajn tax-xellug, wahda fuq ic-*cheek bone* u l-ohra taht is-*sopraciglie* kif ukoll xi marki, x' aktarx tbengil fuq id-dirghin.

Gie esebit ukoll certifikat mediku ta' Dr. Bryan Flores Martin (fols. 67 u 68) li jghid li Joanthan Tanti kien qed isofri minn :-

*"Girfa fuq ix-xellug t' ghajnu x- xellugija.*
*Girfa fuq dirghajh tax-xellug.*
*Girfa twila ta' 6 cm fuq diraghajh tal-lemin.*
*Selha fuq kubtejh tal-lemin.*
*In-natura ta' dawn il-grierhi hija hafifa."*

Fix-xhieda taghha l-**Ispettur Sharon Tanti** (Fols. 45 et seq. ) xehdet li meta kellmet lil-appellata, din qaltilha li dak in-nhar it-tifel kien imissu jmur ghandha u kienet offrietlu xi haga x' jixrob u ma riedx. Kien normali li meta t-tifel imur ghandha ma jkellimhiex. Wara xi ghoxrin minuta qaltlu biex imur maghha biex hi tkun tista' taghlef iz-ziemel fl-*stables* tal-Maghtab imma it-tifel ma jkunx irid jidhol hemm. Dak in-nhar ma riedx imur u bdew jargumentaw bejnithom u waqt li bdiet tghajjat mieghu biex hu jiobdiha, hu beda jghidilha: "*Tmissnbinx. Tmissnix."*. Qaltlu biex icempel lill-missieru biex forsi jipperswadieh imur maghha kif hutu bniet kienu jmorru mal-missier kull fejn kien irid johodhom hu. Hi qabditu minn idejh biex tiehdu maghha ' l barra izda it-tifel beda jghid li qed issawwtu. Hawn ix-xhud Spettur Tanti osservat li it-tifel fih kwazi daqs ommu. Bdiet timbuttah biex tressqu lejn il-bieb ta' barra w it-tifel beda jghid li qed issawwtu. qalet ukoll: *"Ahna u mexjin lejn il-bieb ta' barra, filli qiesu ceda, mbaghad f' daqqa wahda ta salt u telaq jigri 'l barra."*. Harget tigri warajh u waslu fejn it-telgha ta' St. Augustine u meta lahqitu bdiet izzommu mac-cint biex ma jitlaqilhiex sakemm tkun tista' ccempel

lill-Pulizija. Meta cemplet lil Pulizija, t-tifel baqa' jghid li qed issawwtu. It-tifel ukoll tkellem mall-Pulizija li kienet WPC 17 Roxanne.

Meta l-Ispettur Tanti staqsiet lill-appellta fuq l-*injuries* li t-tifel kien qed jghid li kellu, l-appelata wiegbet: *"Zgur li waqt li kont qed nipprova nzommu mac-cint, jista' jkun li mbarax ghax hemmhekk it-triq hi migrufa."* Pero dwar id-daqqa li kien qed jghid li kellu fuq ghajnejh, ma kienetx taf kif setghet saret hlief li f' xi hin hi waqalha l-mobile w nkiser u ppruvat tirrangah pero' kellu xi *sharp edges* u jista' jkun li laqtitu bih waqt li kienet qed tipprova zzommu.

L-Ispettur Tanti esebiet certifikat tat-twelid li minnu jidher li t-tifel twieled fit-3 ta' Jannar, 1992. Ghalhekk kellu tlettax il-sena u nofs meta gara l-incident.

Esebiet ukoll l-istqarrija tal-appellata (DOK. ST2 a fols. 50 sa 52 tal-process) li fis-sustanza taqbel ma dak li qalet l-Ispettur. Pero' hemm ukoll f' din l-istqarrija li meta qabdet lit-tifel fejn St. Augustine's, dan beda qiesu ha jaghti w beda jghajjat biex ma ssawtux, hi ghaddiet idejha minn taht spallejh ghal taht ghonqu. It-tifel beda jaghtiha lura bir-ras fuq il-qafas ta' sidirha u jitmieghek mall-art. Zammitu mill-qalziet biex ma jahrabx ukoll. Irnexxielha zzommu mall-hajt b' id wahda u b' id l-ohra ccempel lil 112 fuq l-mobile ghall-Pulizija. Qaltilhom li kellha t-tifel u ried jahrab u li qed tipprova zzommu w t-tifel beda jghajjat li qed issawtu.

Mix-xhieda tat-**Tabib Dr. Mark Russo**, rrizulta li meta hu ezamina lill-appelata fl-24 t' Awwissu, 2005, din kellha tbengila ta' diametru ta' xi 7 centimetri fuq haddejja tal-lemin u tbengila ohra fuq ix-xedaq t' isfel tal-lemin, fuq in-naha ta' quddiem. Kellha ugiegh ukoll fuq in-naha ta' wara tal-ghonq imma ma kellhiex tbengil hemmhekk. Id-daqqiet kienu kompatibbli ma forza, mhux *cutting instrument*.

**PS 860 Keith Caruana** ikkonferma li fil-jum in kwistjoni hu kien irceva telefonata mill-appellata fejn din talbithom l-assistenza minnhabba li t-tifel taghha ma riedx joqghod

maghha. Hu kien wegibha: “*Silvana ma nistax nigi ghax ghandi xoghol iehor u ma nistax nitlaq minn hawnhekk.”*

**WPC 17 Roxanne Agius** ikkonfermat li f’ xi hin dak in-nhar kienet cemplet l-appellata li bdiet tibki u bdiet tghid li t-tifel ha jaharbilha w qed tigri warajh u qalet li l-grif mhux hi ghamlithomlu. Hi mbaghad kellmet lit-tifel u dan qalilha li ommu bdiet issawtu u l-omm regghet qaltilha li t-tifel kien ha jaharbilha w biex ma jahrabx ippruvat taqbdu w ikkawzatlu xi grif waqt il-glieda. L-omm kienet tinstema’ b’ lehenha qiesu mrieghed u li qed tibki. Mhux darba cemplet; tahseb cemplet tlieta erba darbiet, *“within two minutes”,* titlob l-ghajnuna mill-Pulizija.

Ix-xiehda ta’ **Noel Tanti** tittratta x’ qallu t-tifel u xi glied verbali li sar bejn l-omm u t-tifel meta waslu fejn il-karozza tieghu. Ma jissemmiex swat mill-appellata fil-prezenza tieghu.

Hemm umbaghad it-traskrizzjonijiet ta’ recordings ta’ zewg telefonati li saru minn fuq il-mobile phone tat-tifel, ovvjament biex jugza lill-ommu lill-missieru, li jirriflettu hafna fuq l-atteggjament tat-tifel fil-konfront ta’ ommu.

Mix-xhieda tal-**appellata** (Fols. 92 sa 98) temergi l-istess versjoni tal-fatti li hi tat lill-Ispettur Tanti. Spjegat li l-grif seta’ gie meta t-tifel beda jitmieghek fuq il-*gravel* li kien ghadhom kif ghamlu fejn St. Augustine’s.

Ikkonsidrat;

Li min din ix-xhieda fuq sintetizzata tohrog storja ta’ attrit serju bejn it-tifel u ommu li timmanifesta ruha meta t-tifel, li qieghed fil-kura w kustodja ta’ missieru, jkollu jqatta’ ftit tal-hin ghand l-omm. Jidher li t-tifel hu ta’ rasu w jiehu atteggjament ta’ sfida fil-konfront ta’ ommu w qieghed ghall-kuntrarju f’ relazzjoni tajba mall-missier. Sahansitra jasal biex jixghel il-mobile phone u jirrekordja dak li jkun qed isir *“for future reference”.* Jidher li dan hu proprju dak li gara dak in-nhar tal-incident. L-omm forsi irrejagixxiet ftit isterikament fil-konfront ta’ din l-isfida ghall-awtorita’ w l-volonta’ taghha. Pero’ dan ma kienx kaz ta’ xi mohrija tat-

tfal jew ta’ xi vjolenza eccessiva adoperata mill-omm fuq it-tifel li, skond l-Ispettur, fih kwazi daqs l-omm. Kien kaz fejn it-tifel ta’ tlittax il-sena w nofs webbes rasu ghax ma riedx imur l-istables fejn ikun hemm il-habib taghha Teo Said. L-omm insistiet u t-tifel ra kif kabbar l-incident kemm felah bi skop u anki pprova w irmexxilu jirrekordjah fuq il-mobile phone. Harab jigri mid-dar u meta lahqitu ommu w qabditu, rrezista kemm felah tant li kellha tuza certa forza biex izzommu milli jkompli jaharbilha.

Illi huwa sintomatiku ferm li l-istess omm dak il-hin jirrizuta li cemplet diversi drabi fejn tablet l-assistenza tal-Pulizija, kif jkellha kull dritt li taghmel, izda din l-ghajnuna ma gietx ghax is-Surgent kellu x’jaghmel fuq xoghol iehor. Min ikun qed isawwat lill-uliedu w juza vjolenza fuqhom ma ccempilx lill-Pulizija u jitlob l-assistenza!

Li mbaghad, kuntrarjament ghal dak li jintqal fir-rikors tal-appell, ma rrizultawx feriti ta’ natura gravi. Din hi purament invenzjoni ta’ min abbozza l-istess rikors, kontradetta mic-certifikat ta’ Dr. Flores Martin fuq imsemmi. Din il-Qorti ma tistenniex zvijar simili da parti tal-avukat prosekutur koncernat.

Illi fid-dawl tal-cirkostanzi din il-Qorti ghalhekk ma tarax li ghandha tvarja l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti meta lliberat lill-appellata mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Dan ghaliex ma jirrizultax li kien hemm xi swat jew vjolenza w xi grif u selha f’ siequ li kellu t-tifel setghu - w x’ aktarx - irrizultaw waqt il-kolluttazzjoni biex l-omm tipprova tirrestringi lil binha li ried a kwalunkwe kost jaharbilha w jaghmel ta’ rasu. Kienet korretta ukoll l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellata hatja tat-tielet imputazzjoni li ghalkemm kellha d-dritt li twiddeb lil binha, harget barra mill-qies. Fuq din l-ahhar imputazzjoni pero’ ma hemmx appell.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti s-sejbien ta’ htija biss fuq l-tielet u l-ahhar imputazzjoni “*does justice to the incident”* u l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ddecidiet kif iddecidiet.

Ghalhekk qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------